# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Tlieta (3) ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru 29/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Alfred Degiorgio**
**(ID 541264M)**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali u, b'digriet tat-8 ta' Mejju 2018, intervjenew fil-kawża Dr Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia,**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Marzu 2018, li permezz tiegħu rikorrent talab is-segwenti:

   *Illi nhar il-5 ta' Diċembru, 2017 l-esponenti, flimkien ma' ħuħ George Degiorgio u ċertu Vincent Muscat, ġie mressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja akkużat b'diversi akkużi, fost liema, talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolożament bil-ħsieb illi joqtol lill-persuna u ċioe' lil Daphne Caruana Galizia jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt;*

*Illi mis-smiegħ tal-provi matul il-proċeduri msemmija fil-paragrafu preċedenti fl-atti tal-kumpilazzjoni bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) vs George Degiorgio et" ġie a konjizzjoni ta' l-esponenti illi b'digriet mogħti nhar it-18 ta' Ottubru, 2017 mill-Maġistrat Inkwerenti fl-atti ta' l-inkjesta dwar l-isplużjoni li wasslet għal mewt ta' Daphne Caruana Galizia, ġie nominat bħala espert tekniku l-Avukat Martin Bajada;*

*Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ikkonfermat in-nomina ta' l-esperti kollha maħtura fl-inkjesta hawn fuq imsemmija matul l-udjenza ta' nhar is-7 ta' Frar, 2018;*

*Illi minn qari ta' l-atti ta' l-inkjesta jidher illi tali espert ha sehem attiv fl-atti ta' l-inkjesta relattiva u dana kif ser jirriżulta aħjar matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

*Illi b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' 1-Appell nhar id-29 ta' April, 2016 fl-ismijiet "Joseph Chetcuti Bonavita et vs Av. Beppe Fenech Adami et noe" fejn inġab a konjizzjoni ta' dik il-Qorti l-fatt illi l-Avukat Martin Bajada għandu preċedenti kriminali, dik il-Qorti irriteniet illi huwa essenzjali illi l-perit nominat mill-Qorti jkun bniedem li jispira fiduċja; jekk hemm raġunijiet validi għala jintefa' dubju fuq l-integrita tal-perit, dak il-perit ma għandux jitħalla jkollu sehem fil-proċess ġudizzjarju għax dan idgħajjef il-fiduċja li l-partijiet kif ukoll il-pubbliku għandhom ikollhom fil-qrati tal-ġustizzja u huwa minnu li għaddew numru ta' snin mill-kundanna iżda dan ma jnaqqas xejn mid-dubju li hemm fuq l-integrita ta' dak il-perit u ġustament imqajjem mill-atturi. Dik l-Onorabbli Qorti inoltre stqarret illi dan kollu huwa meħtieġ in vista tal-prinċipju illi "justice must not only be done but must be seen to be done" u fl-interessi ġenerali ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;*

*Illi fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti ma għandu u ma jista' qatt ikollu l-ebda fiduċja f'tali espert tekniku u dana, apparti għal raġunijiet ta' kapaċita' teknika, għar-raġunijiet illi wasslu għall-għoti tas-sentenza hawn fuq imsemmija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u liema raġunijiet u fatti ġew mgħarrfa pubblikament wara l-għoti ta' l-istess sentenza;*

*Illi l-esponenti huwa tal-fehma illi ladarba tali prinċipji li ffurmaw il-bażi tal-ġudizzju mogħti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li huma intiżi sabiex iwasslu għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, ġew applikati f'kawża ċivili, l-istess prinċipji għandhom jiġu applikati b'rigur akbar fi proċeduri ta' natura penali fejn ir-reati li huma addebitati lill-esponenti huma ta' natura serjissima u jġorru piena ta' għomor il-ħabs;*

*Illi ma jistax ikun kontestat illi l-esponenti għandu jedd għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-ħatra ta' l-espert tekniku illi dwaru, fost l-oħrajn, ma hemmx fiduċja u fejn hemm dubji serji dwar integrita tiegħu twassal għal lezjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq ta' l-esponenti;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet u għal raġunijiet oħra illi jiġu spjegati u jirriżultaw matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti qiegħed jirrikorri għal rimedju mingħand dina l-Onorabbli Qorti;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti b'mod partikolari l-ħatra ta' l-Avukat Martin Bajada bħala espert tekniku fl-atti ta' l-inkjesta maġisterjali msemmija fil-korp ta' dan ir-rikors huma leżivi tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti b'mod partikolari l-konferma ta' l-Avukat Martin Bajada bħala espert tekniku fl-atti tal-kumpilazzjoni bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "II-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) vs George Degiorgio et" imsemmija fil-korp ta' dan ir-rikors hija leżiva tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall- Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(iii) fit-tielet lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi f'kull każ, il-jedd fundamentali għal smiegħ xieraq ta' l-esponenti, ser ikompli jew x'aktarx ser ikompli jiġi miksur jekk kemm-il darba l-Avukat Martin Bajada jagħmel xi attijiet oħra bħala espert tekniku inklużi billi jagħti x- xhieda tiegħu fl-atti tal-kumpilazzjoni bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) vs George Degiorgio et";*

*(iv) konsegwentament tagħti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk1-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet oħra, billi tordna illi l-ħatra ta' l-Avukat Martin Bajada bħala espert tekniku fl-atti ta' l-inkjesta maġisterjali imsemmija fil-korp ta' dan ir-rikors u l-konferma tal-ħatra ta' l-Avukat Martin Bajada bħala espert tekniku fl-atti tal-kumpilazzjoni bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) vs George Degiorgio et" imsemmija fil-korp ta' dan ir-rikors jiġu revokati, billi jitneħħew u jiġu sfilzati mill-inkartamenti relattivi kwalunkwe noti, talbiet, relazzjonijiet, digrieti, referenzi kwalsijasi illi hemm għal tali espert tekniku u riżultati ta' l-espletar ta' xi xoghol minn naħa tiegħu, fost l-oħrajn, u billi l-Avukat Martin Bajada ma jitħallhiex jagħmel xi attijiet oħra bħala espert tekniku inkluż billi jagħti x-xhieda tiegħu;*

*(v) tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni sofferti mill-esponent.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat.*

2. Rat illi fit 3 ta' April 2018 l-Avukat Ġenerali irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija li "ma jistax ikun kontestat illi l-esponenti għandu jedd għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-ħatra ta' l-espert tekniku illi dwaru, fost l-oħrajn, ma hemmx fiduċja u fejn hemm dubji serji dwar l-integrita' tiegħu twassal għal-leżjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq ta' l-esponenti"*

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju sabiex iħares d-drittijiet pretiżi minnu. Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat li r-rikorrenti kellu rimedju fil-forma ta' oġġezzjoni għall-ħatra tal-espert skont dak li jipprovdi l-Artikolu 651 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan meta l-ħatra tal-espert*

*ġiet konfermata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Illi ma jirriżultax li r-rikorrenti għamel xi oġġezzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja liema forum huwa l-forum appożitu li għandu l-kompetenza li jiddeċiedi tali talba. F'dan ir-rigward l-esponenti għalhekk jeċepixxi n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha ai termini tal-proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibda biex jissottometti illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi.*

   *Illi sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrenti sofriex ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, irid jiġi eżaminat il-proċess kollu fit-totalita' tiegħu. Illi kif jirriżulta mir-rikors promotur, il-proċeduri penali in konfront tar-rikorrent jinsabu fl-istadju ta' kumpilazzjoni. Illi huwa paċifiku li sabiex tkun tista' tiġi deċiża allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq hu meħtieġ illi jsir apprezzament tal-proċess kriminali fl-interezza tiegħu. Dan jagħmel sens perfettament b'referenza għall-każ odjern fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa preċiżament in-nomina tal-espert Martin Bajada.*

   *La darba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, għadu mhux magħruf kif u x'valur fil-każ ta' sejbien ta' ħtija ser jingħata lir-rapport li għad irid jipproduċi l-espert. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment de quo jiġi diskuss f'dan l-istadju in vacuo. Apparti minn hekk, l-ilment jekk tistax issir jew saritx virtwalment xi leżjoni ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju jwassal għalhekk għall-intempestivita' tal-ilment da parti tar-rikorrent.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti li l-kwistjoni tal-ħatra ta' esperti ġiet kristallizzata kemm mill-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi f'dawn il-każijiet ġie trattat il-punt dwar jekk espert li kellu kariga fil-Korp tal-Pulizija u jiġi maħtur espert jekk b'tali nomina kienx menomat l-indipendenza u l-imparzjalita' ta' tali espert. Illi l-Qorti Kostituzzjonali dejjem tenniet li l-persuna li tallega n-nuqqas ta' imparzjalita' u indipendenza tal-espert għandha fl-ewwel*

*stadju toġġezzjona għal tali nomina billi titlob ir-rikuża tal-espert. Illi fit-tieni lok kellu jsir eżerċizzju ta' skrutinju tan-nomina tal-espert u ċioe' jekk il-Perit tekniku jillimita ruħu biss biex jistabbilixxi u jippriserva l-aspetti materjali u fattwali oġġettivi u ma jagħmel ebda eżerċizzju valutattiv ma jkun hemm xejn oġġezzjonabbli f'dak li jirrigwarda smiegħ xieraq. Illi wieħed ma jridx jinsa wkoll ir-rwol superviżjonali minn naħa tal-Qorti, il-prinċipju tan-neċessita' kif ukoll li d-deċiżjoni finali dwar il-ħtija o meno ta' persuna tispetta lill-Qrati u mhux lill-periti. In oltre, il-fatt biss li fil-kawżi li kellha quddiemha l-Qorti Kostituzzjonali l-espert kien membru fil-Korp tal-Pulizija tali fatt fih innifsu ma jiġġustifikax il-biża' li ma kinux ser ikunu newtrali.*

*Illi fil-fehma tal-esponenti, bil-ħatra tal-espert li minnu qiegħed jilmenta r-rikorrenti bl-ebda mod ma ġew imxellfa l-garanziji tad-dritt ta' smiegħ xieraq spettanti lir-rikorrenti fil-kors mal-proċeduri kriminali in konfront tiegħu. Illi fid-Digrieti li fihom kien nominat l-espert jirriżulta biċ-ċar li dan l-espert fl-ebda waqt ma kien mitlub li jagħmel xi valutazzjoni, konklużjoni jew opinjoni iżda l-ħatra kienet waħda ristretta biss għall-ġbir ta' informazzjoni u dan sabiex jiġu preżervati l-aspetti fattwali oġġettivi.*

*Illi fil-kawża odjerna, ir-rikorrenti jsejjes l-ilment tiegħu kompletament fuq bran minn sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Chetcuti Bonavita et vs Av. Beppe Fenech Adami et noe" u dan mingħajr ma jissostanzja kif in-nomina tal-espert sejra tippreġudikah tenut kont ta' dak li għalih jinstab nominat l-espert. Illi aktar minn hekk, is-sentenza li qiegħed jagħmel riferenza għaliha r-rikorrenti tirrigwarda perizja perizjuri fejn l-espert kellu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar analiżi ta' firem u ċertament li ma tistax tiġi paragunata mal-ħatra mertu tal-kawża odjerna u dan stante li fil-kawża odjerna l-espert mhux qiegħed jintalab jagħmel l-ebda analiżi u lanqas li jagħti xi opinjoni.*

*Illi għalhekk ċertament, il-ħatra tal-espert fiha nfisha, il-konferma ta' tali ħatra, kif ukoll l-eżekuzzjoni ta' tali ħatra da parti tal-espert u l-għoti ta' xhieda da parti tal-istess espert, bl-ebda mod ma jilledu d-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrenti.*

4. *Illi ċertament li l-ebda dritt garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma huma mittiefsa biċ-ċaħda tat-talba għar-rikuża tal-Imħallef sedenti bil-konsegwenza li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi kontestwalment mal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tagħti provvediment 'interim' fejn tissospendi b'effett immedjat il-ħatra ta' Dr Martin Bajada.

4. Rat illi filwaqt li l-Qorti laqgħet tali talba proviżorjament fit-23 ta' Marzu 2018, permezz ta' digriet interlokutorju datat 7 ta' Jannar 2019, tali rikjesta ġiet eventwalment miċħuda peress illi, kif qalet il-Qorti,

   *" ... jiġi sottolinjat li r-rikorrenti ma rnexxielux juri li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura proviżorja minnu mitluba ser ikollha l-konsegwenzi li ġġiblu ħsara irrimedjabbli fil-każ tiegħu, kemm il-darba din l-ordni jew miżura proviżorja minnu mitluba – biex in-nomina ta' l-Avukat Dottor Martin Bajjada – ma tinħariġx"*

5. Rat illi r-rikorrent appella minn tali digriet u, fit-12 ta' Lulju 2019, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat tali appell bħala null peress illi, fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali,

   *6. Il-provvediment li minnu sar dan l-appell għalhekk huwa digriet interlokutorju u ma huwiex sentenza finali, għalkemm erronjament l-ewwel qorti sejħitlu sentenza. Għalhekk biex isir appell minnu jgħoddu d-disposizzjonijiet tal-Art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Ladarba ma huwiex fost id-diġrieti msemmija fl-Art. 229(2) (li minnhom jista' jsir appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva) irid bilfors ikun jew fost id-digrieti msemmija fl-Art. 229(1) (li ma jistax isir appell minnhom qabel ma tingħata s-sentenza definittiva) jew fost id-digrieti residwali msemmija fl-Art. 229(3) (li jista' jsir appell minnhom biss jekk jingħata permess speċjali mill-Qorti li tkun tathom). Jekk fl-ewwel każ, ma setax isir appell ladarba għadha ma ngħatatx is-sentenza definittiva; jekk fit-tieni każ, qabel ma sar l-appell kellu jintalab permess speċjali mingħand l-ewwel Qorti, li la ntalab u lanqas ingħata.*

   *7. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-appell sar irritwalment u ma jiswiex. Dak li ntqal fis-silta miġjuba fuq mill-provvediment tat-13 ta' Lulju 2018 kellu jkun biżżejjed biex jiftaħ għajnejn l-attur biex ma jaqgħax fl-iżball proċedurali li fih waqa'.*

6. Rat illi fis-26 ta' Marzu 2018, Dr Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia talbu sabiex jintervjenu fil-kawża[1], għal liema talba ir-rikorrent oġġezzjona[2].

7. Rat illi fit-8 ta' Mejju 2018 il-Qorti laqgħet it-talba sabiex il-familja Caruana Galizia tintervjeni fil-kawża.

---

[1] Fol 15
[2] Fol 20

8. Rat illi fl-10 ta' Mejju 2018 ir-rikorrent appella minn tali deċiżjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, liema Qorti eventwalment ċaħdet l-oġġezzjonijiet kollha tar-rikorrenti permezz ta' sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2018.

9. Rat ir-risposta tal-Intervenuti fil-kawża Dr Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia ippreżentata fit-22 ta' Mejju 2018, fejn qalu s-segwenti:

    1. *Illi din ir-risposta qiegħda tiġi ppreżentata a tenur tal-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 2018, li awtorizzat lill-esponenti jippreżentaw ir-risposta tagħhom sat-22 ta' Mejju 2018.*

    2. *Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent jilmenta bil-ħatra, konferma u eżekuzzjoni ta' tali ħatra tal-espert tal-Qorti, Dr Martin Bajada, u dan għaliex, skont hu, ma jista' jkollu l-ebda fiduċja f'tali espert tekniku u "dana, apparti għal raġunijiet ta' kapaċita' teknika, għar-raġunijiet illi wasslu għall-għoti tas-sentenza hawn fuq imsemmija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell [Joseph Chetcuti Bonavita et vs Av. Beppe Fenech Adami et noe] u liema raġunijiet u fatti ġew mgħarrfa pubblikament wara l-għoti ta' l-istess sentenza*

    <u>*Ma ezawriex rimedju ordinarju*</u>

    3. *Illi jiġi eċċepit in linea preliminari li, li kieku r-rikorrent ħass illi verament hemm bażi fuq liema l-espert in kwistjoni ma kellux jiġi maħtur jew ħass li oġġettivament il-ħatra tiegħu kienet f'għajnejh se ttappan u toħloq vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, ir-rikorrent kien jitlob ir-rikuża tiegħu fil-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti Istruttorja) skont l-Artikolu 651 tal-Kodiċi Kriminali, u kien jagħmel dan meta l-ħatra tiegħu bħala espert ġiet ikkonfermata fid-digriet tas-7 ta' Frar 2018 mill-istess Qorti u mhux ġimgħat wara l-konferma tal-ħatra tal-istess espert. Fil-fatt ħafna proċeduri b'lanjanza simili għal dik imressqa mir-rikorrent inbdew quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali wara li ġiet miċħuda t-talba għal rikuża. Huwa għalhekk li r-rikorrent naqas milli jagħmel użu minn rimedju ordinarju kif meħtieġ skond Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u skond il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta meta filwaqt li kien jaf bil-passat tal-espert Martin Bajada huwa ma ressaq l-ebda talba ta' rikuża.*

    <u>*Rinunzja għal dritt li joġġezzjona fuq il-ħatra ta' Martin Bajada*</u>

    4. *Fil-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja r-rikorrent kellu kull opportunita jressaq oġġezzjoni formali għal konferma tal-ħatra ta' Martin Bajada bħala espert. Huwa kellu f'kull mument ta' dawk il-proċeduri l-opportunita li*

*jressaq l-oġġezzjoni tiegħu kemm għal ħatra kif ukoll għas-smiegħ ta' xhieda tal-istess Bajada. Fil-mument meta dik il-Qorti ddegretat konferma tal-ħatra ta' Martin Bajada f'dawk il-proċeduri huwa kellu opportunita ċara u manifesta biex jissolleva l-oġġezzjoni tiegħu fil-konfront tal-ħatra ta' Martin Bajada u jressaq l-oġġezzjoni tiegħu abbażi tal-perċezzjoni li huwa għandu fuq l-istess espert iżda tul dawk il-proċeduri, r-rikorrent naqas milli jlissen tali oġġezzjoni jew xi dubji li huwa għandu fil-konfront tal-espert Martin Bajada, b'riżultat li rrinunzja għal tali oġġezzjoni.*

5. *Illi f'dan ir-rigward jiġi sottomess illi s-sentenza li r-rikorrent jgħid li qiegħed jibbaża ruħu fuqha u li biha sar jaf dwar il-fatti li wasslu għaliha fil-konfront tal-espert Martin Bajada, u ċioe' Joseph Bonavita et vs Beppe Fenech Adami et noe, ingħatat fid-29 t'April 2016. Dan ifisser illi fis-7 ta' Frar 2018, meta l-istess espert ġie ikkonfermat bħala espert fil-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti Istruttorja), ir-rikorrent kien diġà ben konsapevoli tal-fatti li wasslu għas-sentenza ċitata minnu, u b'hekk seta' oppona għal tali konferma dakinhar stess fis-seduta tal-kumpilazzjoni, jew fis-seduti sussegwenti (tal-15 ta' Frar 2018, tas-26 ta' Marzu 2018, tal-20 f'April 2018, tas-26 t'April 2018). Ir-rikorrent ma għamel xejn minn dan. Ħalla lill-prosekuzzjoni teżawrixxi x-xhieda u l-provi kollha tagħha, ħlief għal xi esperti u uffiċċjali barranin, u imbagħad intavola din il-kawża - b'abbuż assolut ta' rimedju straordinarju.*

*<u>Prova ta' Parzjalita Soġġettiva ma teżistix</u>*

6. *Ir-rikorrent qiegħed iqajjem lanjanza fil-konfront tal-ħatra ta' Martin Bajada bħala espert u jgħid li ma jista' jkollu l-ebda fiduċja fih minħabba dak il-ġudikat mogħti fil-konfront ta' Martin Bajada diversi snin ilu. L-esponent bir-rispett jissottometti illi ma hemm l-ebda fatt minn dak il-ġudikat tal-imgħoddi li jista' jinċidi fuq l-imparzjalita' tal-espert Martin Bajada fil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Istruttorja, hekk kif ma hemm l-ebda fatt minn dak il-ġudikat tal-imgħoddi li jista' jwassal għal prova li l-espert Martin Bajada wettaq l-inkarigu tiegħu ħażin. Għalhekk it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt billi ma hemm l-ebda prova li l-espert naqas mill-imparzjalita' fit-twettiq tal-inkarigu tiegħu kif ukoll għaliex ma hemm l-ebda prova li l-espert espleta l-inkarigu tiegħu b'mod ħażin jew mhux professjonali. B'hekk il-lanjanza tar-rikorrent ma tissodisfax dawk ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Qrati Maltin u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali għal nuqqas ta' smiegħ xieraq.*

*<u>Il-Perċezzjoni tar-Rikorrent ma hijiex Oġġettivament Ġustifikata</u>*

7. *Fir-rikors promotorju r-rikorrent qiegħed jippretendi li l-ħatra ta' Martin Bajada tammonta għal vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq ukoll għaliex jilmenta li ladarba kien hemm ġudizzju fil-passat fil-konfront ta' Martin Bajada, dan illum iwassal għal sitwazzjoni fejn il-ġustizzja ma tidhirx li qiegħda ssir. L-esponenti bir-rispett jissottomettu illi lanqas din il-lanjanza ma tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-Qrati Maltin u mill-Qorti Ewropea billi t-test ma huwiex fuq x'jaħsbu r-rikorrenti iżda fuq wieħed x'jista' jkun ġustifikat li jikkonkludi oġġettivament. Għalhekk filwaqt li dak li jaħseb ir-rikorrent irid jittieħed in kunsiderazzjoni però dan ma huwiex konklussiv u r-rikorrent irrid jipprova li dik il-perċezzjoni hija oġġettivament ġustifikata. Iżda ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jwasslux għal din il-ġustifikazzjoni oġġettiva.*

8. *Biex wieħed jivverifika jekk teżistix din il-ġustifikazzjoni oġġettiva wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. L-imgħoddi tal-espert ma jwassalx għall-konklużjoni awtomatika li huwa ma jistax ikun espert fil-proċeduri. Iċ-ċirkostanzi f'dan il-każ huma tali fejn il-ħatra tal-espert Martin Bajada tidher li fit-twettieq tagħha huwa ma huwiex mitlub iwettaq xi ġudizzju, jagħmel xi għażla ta' fatti jew jeżerċita xi tip ta' diskrezzjoni. Jidher li l-inkarigu tiegħu kien li jiġbor data u ċioe' li l-inkarigu tiegħu huwa li jirrekordja fatti mingħajr ma jesprimi opinjoni, ġudizzju jew b'xi mod jeżerċita xi diskrezzjoni.*

9. *Illi in oltre, l-istess espert ma huwiex maħtur b'mod li jimxi indipendenti iżda huwa maħtur sabiex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu mill-Maġistrat Inkwirenti taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti. Għalhekk l-espert lanqas ma ġie mogħti xi tip ta' delegazzjoni ta' diskrezzjoni li għandu l-Maġistrat. L-espert Bajada jidher li ma ġiex maħtur biex jagħmel xi analiżi, jasal għal xi tip ta' konklużjoni jew deċiżjoni. Dan għalhekk huma ċirkostanzi ferm differenti miċ-ċirkostanzi tas-sentenza msemmija mir-rikorrent fejn hemmhekk l-espert kien qiegħed jeżerċita opinjoni, ġudizzju u diskrezzjoni. Illi għalhekk il-lanjanza tar-rikorrent ma hijiex ġustifikata billi ma hijiex raġonevolment oġġettiva.*

10. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, u fir-rigward tal-"kapaċita' teknika" tal-istess espert, ir-rikorrent għandu jġib il-prova sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li din hija b'xi mod nieqsa.*

<u>Lanjanza Intempestiva</u>

11. *Illi jiġi eċċepit ukoll bla preġudizzju għal dak kollu suespost illi huwa prinċipju stabbilit kemm fil-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ewropea, illi sabiex il-Qorti tistabbilixxi kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq, għandu jiġi analizzat il-proċess kollu fit-*

*totalita' tiegħu, u dan sabiex il-Qorti tkun tista' tiddetermina jekk il-fatt li minnu qiegħed jilmenta r-rikorrent kellux effett negattiv fuq il-proċeduri tant illi huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu. Fil-każ odjern, il-proċeduri penali għadhom fi stat bikri, u b'hekk għadu mhux magħruf x'effett ser jew jista' jkollha l-kontribuzzjoni tal-espert Dr Martin Bajada. Il-ġurisprudenza titlob li l-Qorti li għandha l-kompetenza oriġinali dwar il-materja titħalla tidderieġi l-proċeduri qabel ma tiġi sindikata jekk kienx hemm dan it-tip ta' vjolazzjoni u dan għaliex dik il-Qorti ta' kompetenza oriġinali dwar il-materja għandha l-fakulta' u l-poter li tagħti direzzjonijiet u direttivi hi li jassiguraw li l-proċess jimxi kif suppost. B'hekk jiġi eċċepit li l-kawża odjerna hija intempestiva.*

*Għaldaqstant l-esponenti jissottomettu li ebda drittijiet tar-rikorrent ma ġew, qegħdin jiġu jew ser jiġu mittiefsa bil-ħatra, konferma u eżekuzzjoni ta' tali ħatra u xhieda tal-espert Dr Martin Bajada.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

10. Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2018 bdew jinġabru l-provi.

11. Rat ix-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali **Dr Peter Grech**, mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2018. (fol 81)

12. Rat ix-xhieda ta' **Veronica Grech**, Reġistratur tal-Università ta' Malta, mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2018 (fol 84) u d-dokumentazzjoni minnha eżebita.

13. Rat ix-xhieda ta' **Benjamina Mifsud**, Reġistratur assenjata mal-Maġistrat Claire Zammit Stafrace, mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2018 (fol 87) u d-dokumentazzjoni minnha eżebita.

14. Rat ix-xhieda ta' **Dr Martin Bajada** mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2018. (fol 94)

15. Rat ix-xhieda ta' l-**Ispettur Keith Arnaud** mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2018. (fol 121)

16. Rat ix-xhieda ta' **Dr Anthony Bonnici**, rappreżentant tas-soċjetà GO plc, mogħtija fil-21 ta' Novembru 2018. (fol 133)

17. Rat ix-xhieda ta' **Dr Emily Abela**, rappreżentanta tas-soċjetà Melita plc, mogħtija fil-21 ta' Novembru 2018. (fol 136)

18. Rat ix-xhieda ta' **Jason Pavia**, rappreżentant tal-Vodafone plc, mogħtija fil-21 ta' Novembru 2018. (fol 138)

19. Rat illi fil-15 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ u ġiet infurmata li, fil-mori tad-differiment, inħarġu l-atti ta' akkuża kontra r-rikorrent, u għalhekk il-Qorti stiednet lir-rikorrent jgħarraf lill-Qorti liema talbiet għadu jinsisti fuqhom, liema informazzjoni qatt ma ingħaddiet sa llum.

20. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Dr Martin Bajada mogħtija fis-26 ta' Novembru 2019. (fol 166)

21. Rat illi fid-9 ta' Diċembru 2019 il-Qorti awtorizzat lir-rikorrent jippreżenta kopja tar-Relazzjoni ta' Dr Martin Bajada mogħtija fl-atti tal-Inkjesta.

22. Rat illi sas-27 ta' Jannar 2020, ir-rikorrent kien naqas illi jottempera ruħu mad-digriet tal-Qorti fuq imsemmi u ma ppreżenta ebda atti.

23. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2020, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluqa w iddifferiet il-kawża għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

24. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti ippreżentati fl-20 ta' Frar 2020.

25. Rat illi fl-4 ta' Mejju 2020, hekk kif infetaħ mill-ġdid ir-Reġistru tal-Qorti wara l-egħluq tiegħu, riżultat tal-pandemija Covid-19, din il-Qorti ordnat lill-intimati jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub sas-16 ta' Ġunju 2020, wara liema data il-kawża kienet ser titħalla għas-sentenza.

26. Rat illi fid-19 ta' Mejju 2020, in ottemperanza mad-digriet tal-Qorti, l-intimat Avukat tal-Istat, illi assuma l-atti tal-Avukat Ġenerali, ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

27. Rat illi fis-16 ta' Ġunju 2020 il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

## Ilment Kostituzzjonali

28. Jirriżulta, mir-rikors promotur, illi r-rikorrent Alfred Degiorgio, flimkien ma ħuh George Degiorgio u terza persuna, ossija Vincent Muscat, qed jiġu akkużati talli fis-16 ta' Ottubru 2017 ikkaġunaw il-mewt ta' Daphne Caruana Galizia.

29. Jirriżulta illi fl-atti tal-Inkjesta dwar l-Isplużjoni li wasslet għall-mewt ta' Daphne Caruana Galizia li nfetħet a tenur tal-Artikolu 546 etc tal-Kodiċi Kriminali illi jirregola l-inkjesti 'in genere', il-Maġistrat Inkwirenti, fit-18 ta' Ottubru 2017, kien innomina bħala Espert Tekniku sabiex jassistih lil Dr Martin Bajada.

30. Jirrizżulta illi, eventwalment, ir-rikorrent, flimkien maż-żewġ persuni l-oħra fuq indikat, ġew imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti Istruttorja, fil-5 ta' Diċembru 2017, bl-akkużi kif fuq indikati u, fis-7 ta' Frar 2018, in-nomina ta'

Dr Martin Bajada bħala Espert tal-Qorti ġiet ikkonfermata minn dik il-Qorti wkoll[3].

31. Jirriżulta illi wara li l-prosekuzzjoni tellgħet ħafna mix-xhieda tagħha għajr għal xi esperti, fit-23 ta' Marzu 2018, ir-rikorrent għamel is-segwenti kawża fejn talab li dina l-Qorti tiddikjara s-segwenti:

    a. Li l-ħatra ta' Dr Martin Bajada bħala Espert Tekniku fl-Inkjesta Maġisterjali tilledi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Kap 319.

    b. Li l-konferma ta' Dr Martin Bajada bħala Espert Tekniku fil-kumpilazzjoni illi qiegħda ssir fil-konfront tiegħu tilledi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Kap 319.

    c. Li jekk Dr Martin Bajada ikompli fl-inkariku tiegħu, l-jedd fondamentali għal smiegħ xieraq jiġi lilu leż.

32. Jirriżulta illi għalhekk ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex:

    a. Tagħti dawk l-ordnijiet sabiex d-drittijiet fundamentali tiegħu jibqgħu garantiti.

    b. Tordna illi l-ordni tal-ħatra ta' Dr Martin Bajada tiġi revokata.

    c. Tordna illi kwalunkwe noti, talbiet, relazzjonijiet, digrieti, referenzi kwalsiasi illi hemm għal tali espert u riżultati ta' l-espletar ta' xi xogħol minn naħa tiegħu jiġu sfilzati mill-atti tal-kumpilazzjoni.

    d. Twaqqaf lil Dr Martin Bajada milli jagħmel xi atti oħra bħala espert tekniku, inkluż li jagħti x-xhieda tiegħu.

    e. Tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni.

33. Jirriżulta illi l-bażi tal-azzjoni tiegħu hija kummenti, xejn feliċi, u deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell, kif komposta dak iż-żmien fid-29 ta' April 2016, fl-ismijiet '**Joseph Chetcuti Bonavita et vs Dr Beppe Fenech Adami**' fejn, meta n-nomina ta' Dr Martin Bajada bħala Perit Perizjuri ġiet ikkontestata minħabba xi preċedenti kriminali illi seta' kellu ħafna snin qabel, meta kien għadu ma sarx avukat, dik il-Qorti, kif ippresjeduta, kellha din xi tgħid:

> *huwa essenzjali illi l-perit nominat mill-qorti jkun bniedem li jispira fiduċja; jekk hemm raġunijiet validi għala jintefa' dubju fuq l-integrita tal-perit, dak il-perit ma għandux jitħalla jkollu sehem fil-proċess*

[3] Fol 90

*ġudizzjarju għax dan idgħajjef il-fiduċja li l-partijiet kif ukoll il-pubbliku għandhom ikollhom fil-qrati tal-ġustizzja u huwa minnu li għaddew numru ta' snin mill-kundanna iżda dan ma jnaqqas xejn mid-dubju li hemm fuq l-integrita' ta' dak il-perit u ġustament imqajjem mill-atturi.*

**Difiża**

34. Jirriżulta illi kemm l-Avukat tal-Istat, ġia' Avukat Ġenerali, u l-Intervenuti fil-kawża, il-familja Caruana Galizia, qajjmu l-istess oġġezzjonijiet għall-proċeduri odjerni, li huma prinċipalment is-segwenti:

    a. Li r-rimedju ordinarju ma ġiex eżawrit peress illi ma saret ebda oġġezzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u għalhekk ir-rikorrent irrinunzja għad-dritt li joġġezzjona għall-ħatra ta' Dr Martin Bajada.

    b. Li l-intimat ma jistax jilmenta illi d-dritt tas-smiegħ xieraq tiegħu qed jiġi leż peress illi l-proċess ġudizzjarju kollu għadu ma ġiex konkluż u għalhekk ma jistax isir apprezzament tal-proċess kriminali fl-interezza tiegħu u l-lanjanza hija waħda intempestiva.

    c. Li l-ħatra ta' Dr Martin Bajada kienet waħda biex jistabbilixxi u jippreserva l-aspetti materjali u fattwali oġġettivi u għalhekk ma jista' jkun hemm xejn oġġezzjonabbli għas-smiegħ xieraq stante illi l-eżerċizzju valutattiv ma kienx qed isir.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

35. Jirriżulta, mill-assjem tar-rikors promotur kif redatt, illi l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat fuq fattur wieħed prinċipali, ossija <u>il-ħatra w l-operat tal-Espert Tekniku Dr Martin Bajada</u>, kemm fl-Inkjesta kif ukoll fil-Kumpilazzjoni li tinvolvi lir-rikorrenti, fejn ir-rikorrent jikkontendi illi dina l-ħatra hija waħda nulla u kellha tiġi annullata stante illi Dr Martin Bajada ma huwiex persuna ta' integrita'u li jispira fiduċja, in vista ta' dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fuq imsemmija, bir-riżultat illi, jekk jitħalla jopera Dr Martin Bajada, id-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq kien qiegħed jiġi leż.

36. Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tosserva illi l-ħsieb espress mill-Qorti tal-Appell kif komposta fid-29 ta' April 2016, u li magħha dina l-Qorti ma taqbel assolutament xejn, ġie minnha stess, kif ippresjeduta mill-istess Prim Imħallef, ftit xhur wara, ri-dimensjonata u ritrattata permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Frar 2017, fil-kawża '**The Republic of Malta vs Janis Borus**' u dana wara illi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), ippresjeduta mill-Imħallef Edwina Grima, fis-26 ta' Jannar 2017, fil-kawża **Il-Pulizija vs**

**Franklin Gauci**, kienet tat direzzjoni ċara dwar il-kompetenza u integrita' ta' Dr Martin Bajada, bħala Espert tal-Qorti, meta tqajjem ilment identiku għal dak imqajjem mir-rikorrent, liema ilment iżda ma tressaqx bħala ilment Kostituzzjonali.

37. Jidher illi, għalkemm tali deċiżjonijiet ingħataw fis-26 ta' Jannar 2017 u fit-23 ta' Frar 2017 rispettivament, ir-rikorrent u min assistieh legalament għażel illi jinjora dak hemm dikjarat minn dawk iż-żewġ Qrati, u pproċeda bl-azzjoni odjerna, presumibbilment bit-tama illi jitwaqqfu l-proċeduri ta' Kumpilazzjoni għaddejjin fil-konfront tiegħu u oħrajn miegħu.

38. Ikun għalhekk opportun illi dina l-Qorti tfakkar ftit lir-rikorrent x'intqal dwar il-ħatra ta' Dr Martin Bajada minn dawk iż-żewġ Qrati differenti.

39. Jirriżulta illi fid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali, (Sede Inferjuri) fil-kawża '**Il-Pulizija vs Franklin Gauci'**, fis-26 ta' Jannar 2017, l-Imħallef Edwina Grima kellha dan xi tgħid:

> *Rat it-talba magħmula mill-imputat Franklin Gauci fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2016 fejn din il-Qorti intalbet sabiex tiskarta t-tieni rapport redatt mill-espert Dr. Martin Bajada eżebit bħala Dokument MBX a fol. 419 et seq. tal-proċess u dan fid-dawl tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Ċivili (Sede Superjuri) tad-29 ta' April 2016 u dan billi fl-istess rapport huwa esprima opinjoni u mhux għamel sempliċiment kostatazzjoni ta' fatt.*
>
> *Ikkunsidrat,*
>
> *Illi it-talba imressqa mid-difiża qed tittenta xxejjen ir-rapport magħmul mill-espert Dr. Martin Bajada mmarkat bħala Dokument MBX u mhux ukoll l-ewwel wieħed magħmul minnu li jirrigwarda biss estrapolazzjoni ta' data minn telefowns ċellulari billi dawn essenzjalment ma huma xejn ħlief kostatazzjoni ta' fatt. Mhux l-istess iżda jargumenta l-imputat jista' jingħad għar-rigward tat-tieni rapport redatt minn dan l-espert billi hawnhekk huwa esprima l-opinjoni professjonali tiegħu għar-rigward ta' żewġ fatturi determinanti u ċioe' meta huwa jikkonkludi illi r-ritratti inkriminatorji ġew ipprintjati minn fuq ink jet printer simili għal dawk li nstabu fil-pussess tal-imputat u l-filmati inġibdu minn digital camera tal-għamla Casio meta camera tal-istess ditta instabet fil-pussess tal-imputat.*
>
> *Dan l-ilment ġie imressaq in segwitu għal deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joseph Chetcuti Bonavita et vs Dr. Beppe Fenech Adami noe et fejn il-Qorti stqarret hekk:*
>
> > *"Għalhekk huwa essenzjali illi l-perit nominat mill-Qorti jkun bniedem li jispira fiduċja; jekk hemm raġunijiet validi għala*

> *jintefa' dubju fuq l-integrità tal-perit, dak il-perit ma għandux jitħalla jkollu sehem fil-proċess ġudizzjarju għax dan idgħajjef il-fiduċja li l-partijiet kif ukoll il-pubbliku għandhom ikollhom fil-Qrati tal-ġustizzja."*

*Dan ġie deċiż in segwitu għal fatt illi kien ġie a konjizzjoni tal-Qorti li kienet qed tisma' dak il-każ u tal-partijiet, illi l-espert kien ġie misjub ħati ta' reati ta' falsifikazzjoni ġewwa l-Ingilterra addiritura 'il fuq minn għoxrin sena qabel, meta l-parir tekniku li kien qed jintalab minnu kien jikkonċerna l-awtentiċita' ta' firma o meno. Jirriżulta ukoll minn din id-deċiżjoni illi dan il-każ inġieb a konjizzjoni tal-pubbliku in ġenerali wara li din l-informazzjoni ħarġet fil-medja fit-02 ta' Novembru 2012.*

*Issa l-Ewwel Qorti f'dan il-każ taħt il-lenti ta' din il-Qorti għaddiet għad-deċiżjoni tagħha fis-27 ta' Frar 2014. Żgur allura illi f'dan il-perjodu ta' żmien il-partijiet u allura l-imputat u d-difiża tiegħu kienu ben konxju tal-allegazzjonijiet li kienu qed isiru dwar l-espert tekniku iżda ma ħassewx illi kellhom iressqu xi oġġezzjoni għar-rigward ta' l-integrita' tiegħu u l-valur probatorju tar-rapport minnu mħejji li iġib id-data tas-06 ta' Settembru 2011. Fil-fatt ma jirriżultax lanqas illi dan il-fattur tressaq bħala difiża mill-imputat meta kien wasal fl-istadju tal-provi tiegħu. Kien biss issa fi stadju ta' reviżjoni u wara li ngħata id-digriet mill-Qorti tal-Appell li ħass li kellu juża tali deċiżjoni biex jipprova ixejjen din il-prova.*

*Issa din il-Qorti tosserva illi l-fattispeċje tal-każ in diżamina quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili kienu kemmxejn differenti minn dak in diżamina bl-expertise imfittxija f'dak il-każ mill-espert tekniku kien idur madwar opinjoni fuq kalligrafija fejn kien hemm allegazzjoni ta' falsifikazzjoni. F'dan il-każ dak li kellu jagħmel l-espert kien sempliċiment illi jiddikjara jekk ritratt ġiex ipprintjat minn ink jet printer u jekk immaġini itteħditx minn camera diġitali tal-marka Casio żewġ fatturi li 'ictu oculi' jistgħu jiġu verifikati. Fil-fatt l-espert stess igħid illi għar-rigward ta' l-immaġini li ittieħdu permezz tal-camera diġitali Casio dan il-fattur joħroġ minn informazzjoni moqrija minn fuq il-jpeg misjuba fuq il-hard disk drives, fattur li jista' allura jiġi ivverifikat mill-imputat. Ukoll il-fatt jekk mill-call profiles eżebiti jirriżultax illi l-MSIDDINs 9961200, 99268514, 79274695 u 99268514 tal-vittma u 99194339, 99290198, 99194453,79203040 u 99194454 tal-imputat huma taċ-ċellulari eżebiti in atti, huwa wkoll kostatazzjoni ta' fatt li jista' ukoll jiġi verifikat faċilment mid-difiża.* ***Dak li qed jingħad allura huwa illi r-rapporti ta' l-espert Martin Bajada f'dawn il-proċeduri jikkostitwixxu kostatazzjoni ta' fatt u ma jirrappreżentawx xi opinjoni esperta li l-Qorti neċessarjament trid tistrieħ fuqha b'għajnejha magħluqa u li allura l-imputat ma għandux mezz biex jivverifikaha.*** *Tant hu hekk li l-imputat/appellanti ma ħassx illi kellu jikkontesta wkoll l-ewwel rapport ta' l-espert billi kif igħid huwa*

*stess dan ma hu xejn għajr estrapolazzjoni ta' informazzjoni minn dokumenti eżebiti. Kwindi ma jeżisti l-ebda perikolu f'dawn iċ-ċirkostanzi illi l-ġustizzja ma tidhirx li qed issir għaliex l-informazzjoni tidher ċar u tond minn eżami sempliċi tal-atti u verifiki li jistgħu jsiru tal-informazzjoni mgħoddija lill-Qorti mill-espert. Anke fir-rigward tal-użu tal-inkjet printers, l-espert jikkonkludi illi l-immaġini ġew ipprintjati minn ink jet printer tal-istess tip bħal dawk eżebiti iżda ma jikkonkludix illi fil-fatt ġew ipprintjati minnhom.*

*Magħdud dan allura din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatti personali marbuta mal-imgħoddi tal-espert Dr. Martin Bajada f'dan il-każ ma jistgħux jinfluwixxu fuq ix-xogħol magħmul minnu, xogħol konsistenti, kif ingħad f'estrapolazzjoni ta' informazzjoni u data minn dokumenti eżebiti in atti li jistgħu jiġu vverifikati mill-partijiet. Kif jingħad mill-Blackstone:*

> *"a judge, as part of his inherent power and overriding duty in every case to ensure that the accused receives a fair trial, always has a discretion to exclude otherwise admissible prosecution evidence if, in his opinion, <u>its prejudicial effect on the minds of the jury outweighs its true probative value</u>." (enfasi tal-Qorti).*

*Illi f'dan il-każ allura dak li għandha tħares din il-Qorti huwa li l-persuna akkużata ma tkunx ġiet ippreġudikata mid-dritt tagħha għal smiegħ xieraq b'dik l-evidenza, altrimenti ammissibli, li tkun qed tiġi mfittxija li tiġi skartata. F'dan il-każ taħt il-lenti ta' din il-Qorti huwa indubitat illi iż-żewġ rapporti ta' l-espert Dr. Martin Bajada ma huma ser joħolqu l-ebda preġudizzju għad-dritt tal-imputat għal smiegħ xieraq u dan minħabba s-sempliċi fatt illi l-fatti tal-ħajja personali tal-imsemmi espert ma huma ser jixħtu l-ebda dell fuq il-valur probatorju tar-rapport minnu redatt. Dan għaliex kif ingħad* ***<u>ix-xogħol tal-espert f'dan il-każ kien jikkonsisti biss f'kostatazzjoni ta' fatti li joħorġu minn dokumenti eżebiti fl-atti fosthom ċellulari, printers u digital cameras u ma jesprimu l-ebda opinjoni mill-istess espert.</u>*** **<u>(emfasi ta' dina l-Qorti)</u>**

*Għaldaqstant għal motivi hawn fuq miġjuba t-talba qed tiġi miċħuda u l-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smigħ ta' l-appell.*

40. Jirriżulta illi tali ħsieb u għerf ġie abbraċċjat u aċċettat mill-ogħla Qorti fil-kamp Kriminali, ossija l-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawża **The Republic of Malta vs Janis Borus**, fejn il-Qorti għamlet tagħha il-ħsieb tal-Qorti ġia' fuq imsemmija, u kellha dan xi tgħid:

*6. Before considering appellant's grievances, this Court is going to consider a grievance raised during the sitting of the 13th October 2016, reproduced hereunder:*

> *"The defense respectfully submits that during the course of the submissions of evidence a report was admitted by expert Dr Martin Bajada. Following a recent Court judgement in particular Chetcuti Bonavita vs Dr. Beppe Fenech Adami noe decided on the 29th April, 2016, the defense request that this report is expunged from the acts of these procedures."*
>
> *"The Prosecution is objecting to the said request in view of the fact that this case is before the Court of Appeal."*
>
> *"Since this matter was never raised in these proceedings it cannot be raised before the Court of review."*
>
> *"Secondly, Martin Bajada was appointed according to law and no party objected to such appointment."*
>
> *"Thirdly, his report was presented in the acts of proceedings according to law as stipulated in the Criminal Court and hence it is a valid report according to law and there is no reason why it should be expunged."*
>
> *"In a subsidiary matter, if the Court finds that Dr Martin Bajada should have never been appointed as an expert, in view of the fact that his task was limited to data extraction from mobiles and hence relating factual issues, his testimony and report can still remain in the acts of proceedings as an ordinary witness."*

*7. Now, as was held in the judgement delivered by this Court on the 7th November 2002 in the case Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace: "Hija ġurisprudenza ormai paċifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tieħu konjizzjoni ta' raġunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux ġew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan joħroġ ċar minn dak li jipprovdi s-subArtikolu (1) ta' l-Artikolu 505 tal-Kodiċi Kriminali li tali rikors 'għandu jkun fih il-fatti tal-kawża fil-qosor imma ċari, ir-raġuni ta' l-appell (enfażi tal-Qorti) u t-talba ta' l-appellant'."*

*8. Moreover this Court has seen the judgement referred to by counsel to appellant (Joseph Chetcuti Bonavita et vs Av. Beppe Fenech Adami et noe, Court of Appeal, 29th April 2016) and noted that in that judgement it has been stated that the allegations with respect to the abovementioned Court expert which were considered in said judgement, were revealed in the media on the 2nd November 2012. It is to be noted that the trial by jury commenced on the 26th November 2012. It is true that the accused renounced to his right for legal assistance and carried out his own defence. But not only was the matter not raised during the trial, nor was it raised in the application of appeal.*

*9. Nonetheless, this Court cannot fail to observe that the situation in the above mentioned case before the Court of Appeal in its Civil Jurisdiction was markedly different from the situation in this case. In that case, the expertise required was a calligraphic opinion due to an alleged forgery.* ***In the present case, what was required was the extrapolation of data from a mobile phone and sim cards; this essentially constitutes a determination of facts.***

*10. Consequently this Court finds no reason to uphold appellant's request for the expungement of the relative report.*

41. Jirriżulta, mill-provi prodotti fil-każ odjern, illi Dr Martin Bajada tqabbad fl-Inkjesta li tinvolvi lir-rikorrent sabiex jiġbor "*data rigwardanti t-telefonati u s-CCTV li kienu ta' interess għal investigazzjoni*", kif stqarr l-Ispettur Keith Arnaud, illi kien qiegħed imexxi l-Inkjesta Maġistrerjali. Dana ġie anke ikkonfermat mix-xhieda tal-FBI illi ingħatat f'proċeduri Kostituzzjonali oħra li għamel ir-rikorrent, liema xhieda ġiet eżebita mill-intimat Avukat tal-Istat, u mix-xhieda ta' l-istess Dr Martin Bajada fejn spjega illi l-involviment tiegħu fl-inkjesta kien jirrigwarda "*dak kollu li għandu x'jaqsam ma' IT, CCTV's, mobiles*" u nsista illi huwa ma jagħti ebda opinjoni iżda jipprovdi biss l-informazzjoni illi jkun ottjena.

42. Jirriżulta, għalhekk, illi l-operat ta' Dr Martin Bajada, illi dwaru qed joġġezzjona r-rikorrent u li qed jikkontendi illi d-dritt għas-smiegħ xieraq tiegħu qiegħed jiġi leż, kien jikkonsisti biss f'kostatazzjoni ta' fatti li joħorġu minn stħarriġ tiegħu u ma esprima qatt ebda opinjoni.

43. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ż-żewġ pronunzjamenti fuq imsemmija jxejjnu għal kollox u jwaqqgħu l-argument kollu tar-rikorrent li fuqha huwa bbaża l-azzjoni kollha odjerna, ossija meta saħaq illi "*ladarba tali prinċipji li ffurmaw il-bażi tal-ġudizzju mogħti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li huma intiżi sabiex iwasslu għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, ġew applikati f'kawża ċivili, l-istess prinċipji għandhom jiġu applikati b'rigur akbar fi proċeduri ta' natura penali fejn ir-reati li huma addebitati lill-esponenti huma ta' natura serjissima u jġorru piena ta' għomor il-ħabs*"

44. Jirriżulta illi r-rikorrent ma għandu ebda raġun illi joġġezzjona dwar in-nomina ta' Dr Martin Bajada, stante illi l-argument, għalkemm mhux feliċi, tal-Qorti tal-Appell fil-kawża Chetcuti Bonavita, ma japplikax fil-każ odjern, stante illi fl-inkjesta l-istess Dr Bajada ma kienx qiegħed jagħti opinjoni iżda kien qiegħed jiġbor biss informazzjoni u jirrelata dwar fatti.

45. Jirriżulta għalhekk, illi la darba jirriżulta illi ma hemm ebda raġuni għaliex in-nomina ta' Dr Martin Bajada tista' titqies bħala waħda li tista' tqajjem dubju fl-integrita' tiegħu, it-tielet difiża ta' l-intimat, kif fuq deskritt, timmerita illi

tintlaqa', u għalhekk il-Qorti tqis illi ma huwiex neċessarju illi tikkunsidra d-difiżi l-oħra mqajjma mill-intimat, stante illi l-bażi tal-azzjoni kollha odjerna tirriżulta ċarament li hija waħda bla fondament.

## Konsiderazzjonijiet finali

46. Il-Qorti ma tistax ma tosservax, b'ċerta tħassib u inkredulita', kif ir-rikorrent, għalkemm ċertament a korrent tad-deċiżjonijiet fuq imsemmija li ngħataw fil-kamp penali u li kellhom, bħala fattispeċje, fatti u oġġezzjonijiet **<u>identiċi</u>** għal dawk imqajjma mir-rikorrent, xorta waħda għażel illi jniedi dawna l-proċeduri ta' natura Kostituzzjonali, liema proċeduri, minn natura tagħhom, għandhom jitqiesu bħala proċeduri speċjali u straordinarji li għandhom jiġu adoperati BISS f'ċirkostanzi limitati ħafna.

47. **Il-Qorti tosserva illi sfortunatament jidher illi saret il-prassi reċenti adoperata minn uħud, li persuni akkużati b'reati kriminali jagħmlu minn kollox sabiex jistultifikaw u jwaqqfu l-proċess ġudizzjarju Kriminali kontra tagħhom billi jiskoġitaw u jivvintaw azzjonijiet ta' natura Kostituzzjonali bit-tama illi jtawwlu kemm jistgħu l-proċeduri kriminali fejn qed jinġabru l-provi kontrihom, bit-tama illi nelfrattemp jew jiġri xi ħaġa fil-provi miġjuba kontra tagħhom li eventwalment twassal sabiex il-proċeduri kontra tagħhom ikollhom eżitu negattiv jew inkella jgħaddi t-terminu ta' arrest tagħhom u eventwalment jingħataw il-ħelsien mill-arrest – dina l-prassi hija waħda skonċertanti u abbużiva għall-aħħar u l-Qorti tikkundanna bl-ebda riserva l-abbuż sfaċċat ta' proċedura daqstant importanti u solenni, bħalma hija dik ta' lezzjoni kostituzzjonali.**

48. Jidher ċar illi, fil-proċeduri odjerni, l-ħsieb tar-rikorrent ma kinetx illi jipprotesta u jipproteġi xi dritt illi jippretendi illi għandu, iżda l-intenzjoni kienet illi, filwaqt li jtawwal il-proċeduri kriminali, jipprova jottjeni dettalji dwar il-provi miġjuba kontra tiegħu fl-Inkjesta u Kumpilazzjoni **<u>qabel</u>** ma dawna jittressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kompetenti – dana joħroġ ċar kemm mix-xhieda illi ressaq kif ukoll mill-fatt illi, wara li ġie dikjarat li l-Att ta' l-Akkuża inħarġet kontra tiegħu, r-rikorrent jidher li tilef l-interess fil-proċeduri odjerni u, għalkemm ordnat illi jippreżenta r-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada, illi l-Qorti tifhem illi kellha tkun il-prova reġina li jressaq r-rikorrent in sostenn tat-teżi tiegħu fil-każ odjern, huwa naqas milli jressaq tali prova, għalkemm il-Qorti tat żmien biżżejjed lill-istess rikorrent biex jagħmel tali prova.

49. **Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi filwaqt li kullħadd għandu dritt illi jitħarsulu l-jeddijiet fundamentali tiegħu, dana ma jfissirx illi tali jedd għandu jiġu abbużat b'mod lampanti sabiex jiġu vjolati drittijiet fundamentali ta' persuni oħra, bħalma huma l-familja Caruana Galizia, li huma l-vittmi fil-proċess kollu u li qed jistennew l-eżitu tal-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent, fost persuni oħra, fejn huwa akkużat bil-qtil ta'**

**ommhom, Daphne Caruana Galizia, u dana in linea mal-prinċipju illi semmiet il-Qorti tal-Appell fil-kawża li abbażi tagħha r-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni, ossija *"justice must not only be done but must be seen to be done"*.**

50. Huwa ċar, f'dan il-każ, illi l-proċeduri straordinarji marbuta mal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem qed jiġu abbużati u utilizzati sabiex jittawlu inutilment proċeduri oħra, liema proċeduri odjerni qed isiru abbażi ta' talbiet illi huwa ċarament frivoli u vessatorji u intiżi unikament sabiex itawwlu proċess Ġudizzjarju.

51. Għalhekk, fil-każ odjern, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' illi tiddikjara il-lanjazi mqajjma mir-rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu tat-23 ta' Marzu 2018 bħala frivoli u vessatorji, u għalhekk japplika dettam tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Konklużjoni

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tar-rikorrent u tal-Avukat Ġenerali,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi,

**Tilqa'** t-tielet eċċezzjoni ta' l-intimat, u għalhekk;

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur u tiddikjarahom lkoll bħala frivoli u vessatorji;

Spejjeż kollha tal-partijiet, inkluż tal-Intervenut fil-kawża, ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur